Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 38/2001/1

**Citazzjoni Numru 38/2001**

**Teddy Cremona**

**-vs-**

**Carlo Atzori**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi hu u l-konvenut kienu jiggestixxu flimkien ir-ristorant bl-isem “L-Iskoll” f’Sannat, Ghawdex proprjeta’ ta’ l-attur skond ftehim li sar bejniethom f’Mejju tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998);

Illi a bazi ta’ l-istess ftehim l-ispejjez u l-qliegh provenjenti mill-gestjoni tar-ristorant hawn fuq imsemmi kellhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenut;

Illi skond l-istess ftehim il-konvenut kellu jahdem bhala chef fl-istess ristorant hawn fuq imsemmi izda qabad u telaq minn din il-kariga bl-iktar mod irresponsabbli u minghajr ma avza lill-attur dwar id-decizjoni tieghu u dan ghaliex il-konvenut kien impenjat biex jiftah ir-ristorant ta' ibnu fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex.

Illi l-agir illegali tal-konvenut wassal sabiex l-attur sofra danni konsiderevoli stante illi kellu jaghlaq ir-ristorant ghal xi zmien sa meta sab persuna ohra sabiex jimpjegaha bhala chef fl-istess ristorant.

Illi oltre dan il-konvenut ghadu ma hallasx sehemu mill-kontijiet tad-dawl, ta' l-ilma, tat-telephone u tal-VAT konnessi mal-gestjoni ta' l-istess ristorant, liema kontijiet kellhom jinqasmu nofs bin-nofs a bazi tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet hawn fuq imsemmi;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas ta' l-ispejjez kif ukoll ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni sofferti mill-attur kagun ta' l-agir irresponsabbli tieghu, dejjem baqa' inadempjenti.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hlas ta' l-ispejjez in konnessjoni mal-gestjoni tar-ristorant "L-Iskoll" a bazi tal-ftehim bejn il-kontendenti kif ukoll tad-danni sofferti mill-attur kagun ta' l-agir irresponsabbli tal-konvenut;

2. tillikwida l-ispejjez li ghandhom jithalsu mill-konvenut kif ukoll id-danni sofferti mill-attur per konsegwenza ta' l-istess agir tal-konvenut;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez u d-danni kif hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta f'Jannar tas-sena elfejn (2000) u ta' l-ittri interpellatorji tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru, tat-tmienja (8) ta' Ottubru u tat-

tlieta ta’ Novembru elf disa’ mija disgha u disghin (1999) u bl-interessi skond il-ligi sad-data ta’ l-eventwali pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carlo Atzori fejn eccepixxa:

1. illi in linea preliminari, illum l-attur m’ghadx fadallu dritt ta’ azzjoni kontra l-eccipjenti in kwantu huwa kien gia pproceda kontra l-esponenti f’kawza ohra quddiem din l-istess Qorti fl-ismijiet “Teddy Cremona vs Carlo Atzori”, Citaz. Nru. 10/2000, u kien ceda dik il-kawza minghajr ma rrizerva ebda dritt ta’ azzjoni ulterjuri;

2. illi ukoll in linea preliminari, l-attur ma jistax jipprocedi f’din il-kawza qabel ma jhallas id-drittijiet u spejjez gudizzjarji kollha annessi u ancillari ghall-istess kawza gia istitwita minnu;

3. illi t-talbiet attrici in kwantu bazati fuq l-allegat abbandun da parti ta’ l-esponenti mir-ristorant huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

- Fl-ewwel lok, kien l-attur stess illi ttermina l-ftehim vigenti bejniethom meta stinatament beda jirrifjuta li jhalli lill-esponenti jersaq fuq il-post tax-xoghol tieghu, minkejja illi gie interpellat jaghmel hekk sahansitra b’ittra interpellatorja;

- Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim bejn il-kontendenti ma kellux jibqa’ vigenti sa Mejju 2000, izda sa l-ahhar ta’ Dicembru tal-1999.

4. illi l-istess talbiet attrici, in kwantu bazati fuq il-hlas ta' kontijiet ta' dawl, ilma, telefon u VAT huma intempestivi in kwantu l-attur sal-lum baqa' qatt ma pprezenta rendikont ta' l-ammont mitlub u ghalhekk l-ispejjez relattivi ghal din il-parti mit-talbiet ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu akkollati interament lill-attur.

5. Salvi ceccezzjonjiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-kontro talba tal-konvenut fejn ppremetta:

Illi in ezekuzzjoni ta' ftehim raggunt bejn il-kontendenti, il-konvenut kien jippresta x-xoghol tieghu ta' chef fir-restaurant "L-Iskoll" f'Sanant, Ghawdex bl-intiza illi huwa kellu jiehu nofs il-profitti illi jigu generati minn dik l-operazzjoni;

Illi l-attur baqa' qatt ma ta rendikont dettaljat u fidil ta' dhul u spejjez konnessi mal-operazzjoni ta' dan ir-restaurant, u per konsegwenza naqas illi jghaddi s-sehem korrett mill-profitti spettanti lill-konvenut b'effett minn meta nfetah ir-ristorant sal-31 ta' Dicembru 1999;

Illi inoltre in ezekuzzjoni ta' dan il-ftehim, inxtara hafna apparat u attrezzi ghal dan ir-ristorant, u lill-konvenut jispetta n-nofs indiviz minn dawn l-attrezzi;

Illi dan l-apparat u attrezzi nzammu kollha u interament mill-attur;

Illi l-attur naqas ukoll li jghaddi lill-konvenut is-sehem mill-profitti hekk gestiti b'effett mill-1 ta' Settembru 1999 sa meta l-attur unilateralment ittermina l-ftehim fil-31 ta' Dicembru 1999 billi ma halliex lill-konvenut jersaq aktar lejn il-post tax-xoghol.

Illi inoltre lill-konvenut kien jispetta nofs indiviz ta' l-istock kollu ezistenti fil-hanut fid-19 ta' Settembru 1999, liema stock sussegwentement baqa' jintuza ghall-beneficcju esklussiv ta' l-attur; flimkien ma' nofs l-apparat u attrezzi kollha ezistenti fin-negozju f'dik id-data;

Illi l-konvenut kien ukoll jissupplixxi pasta ad uzu ta' dan ir-restaurant u jithallas ta' din il-pasta separatament mill-gestjoni tar-restaurant;

Illi l-konvenut ghad fadallu jithallas tal-pasta supplita minnu wara l-1 ta' Awissu 1999;

Talab ghaliex m'ghandhiex il-Qorti premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. tikkundanna lill-attur sabiex jipprezenta rendikont dettaljat u fidil ta' dhul u spejjez konnessi ma'dan ir-ristorant u l-gestjoni tieghu b'effett minn meta nfetah sal-31 ta' Dicembru 1999.

2. Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut nofs il-profitti veri u reali rizultanti minn tali gestjoni;

3. Tiddikjara illi l-attur tenut ihallas lill-konvenut in-nofs mill-profitti gestiti mill-operazzjoni u gestjoni tar-ristorant "L-Iskoll" bejn l-1 ta' Settembru 1999 u d-data ta' meta l-operazzjoni bejniethom giet terminata; inkluz nofs il-valur ta' l-istock ezistenti fir-ristorant fid-19 ta' Settembru 1999;

4. Tillikwida l-ammont dovut lill-konvenut, okkorrendo ad operazzjoni ta' perit nominand;

5. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dan l-ammont kif hekk likwidat;

6. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut ukoll il-prezz tal-pasta supplita minnu lill-imsemmi ristorant wara l-1 ta' Awissu 1999.

7. Tikkundanna lill-attur jghaddi lill-konvenut nofs l-apparat u attrezzi kollha illi nxtraw indivizament bejniethom, u dan fi stat ugwali ghal dak illi fih dawn l-apparat u atterzzi kienu jinsabu fid-19 ta' Settembru 1999,

kif ukoll ihalsu nofs il-valur ta' l-istock ezistenti fl-istess negozju fid-19 ta' Settembru 1999.

8. In mankanza, jew f'kaz illi dan l-apparat u attrezzi tant iddeterjora illi m'ghadux fi stat ugwali ghal dak li fih kienu jinsabu fid-19 ta' Settembru 1999, kif ukoll f'kaz illi l-istock ezistenti fid-19 ta' Settembru 1999 gie issa ikkunsmat, tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut nofs il-valur gust u reali ta' dan l-apparat u atterzzi, flimkien mal-valur ta' nofs dan l-istock; liema valur ghandu okkorrendo jigi stabbilit ad opera ta' perit nominand.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-27 ta' Settembru 1999 kontra l-attur.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ri-konvenut ghal fin it-talba fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti gie terminat uilaterlament mill-konvenut Carlo Atzori illi minghajr avviz abbanduna x-xoghol tieghu biex mar jahdem fir-ristorant ta' ibnu;

2. illi l-attur Teddy Cremona m'ghandu jaghti xejn lill-konvenut Carlo Atzori peress illi l-profitti kienu jinqasmu mill-ewwel;

3. illi mhux minnu li l-eccipejnti ghandu jaghti ta' xi pasta supplita jew ta' xi apparat li nxtara izda huwa l-konvenut Carlo Atzori li ghandu jaghti lill-attur Teddy Cremona u dan kif indikat fic-citazzjoni originali;

4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal taghha tal-10 ta’ Lulju 2001 fejn ittrasmettiet l-atti lill-Assistent Gudizzjarju biex jikkompila l-provi hu;

Ezaminat ix-xhieda kollha;

Ezaminat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal tat-30 ta’ Ottubru 2003.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti u l-provi aktar mil-ligi huma l-aktar rilevanti ghad-determinazzjoni tal-kawza, u l-fatt l-aktar krucjali hu l-ftehim verbali li dahlu ghalih l-kontendenti li kien dak li jiggestixxu flimkien r-ristorant maghruf bhala ‘l-Iskoll’ f’Sannat, Ghawdex, billi jaqsmu kemm it-telf u l-qliegh, bin-nofs. Skond ix-xhud Victor Vella Muscat, li quddiemu gie ripetut dak li l-kontendenti kienu ftehmu, il-kundizzjonijiet kienu:

- li l-profitt nett jinqasam bin-nofs bejniethom;

- li l-ftehim kien jiddekorri ghal sentejn jiggedded jekk il-partijiet ikunu kuntenti;

- li l-permessi kellhom jibqghu f’isem l-attur;

- li ghal skopijiet ta’ xoghol l-konvenut kellu jitqies bhala ‘part-timer’;

- li jekk ghal xi raguni l-konvenut ma jkunx jista jattendi ghax-xoghol fir-ristorant kellu jibghat lit-tifel tieghu li jidher mid-dok.VVM 1 (folio 30) li kellu jippresta x-xoghol tieghu gratwitament.

Illi, trattati l-pretensjonijiet tal-attur, mill-premessi tac-citazzjoni, kif konfermat mid-dikjarazzjoni u x-xhieda li ta quddiem l-Assistent Gudizzjarju, l-attur qieghed jitlob li l-konvenut ihalsu ghal sehmu mill-kontijiet tad-dawl, ta’ l-

ilma, tat-telefon u tal-VAT konnessi mal-gestjoni tar-ristornat, kif ukoll tad-danni talli minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut in-negozju ma setax jopera ghal gimgha b'konsegwenti telf ta' qliegh ghall-attur.

Illi huwa desumibbli li t-talbiet huma cirkoskritti ghal dak il-perjodu li fih l-konvenut ma baqax jippresta x-xoghol tieghu ta' 'chef' fl-istess ristorant sa gheluq il-ftehim, billi, skond l-attur, l-likwidazzjoni tas-sehem rispettiv kien jigi saldat gheluq kull xahar. Dak li mhux car hu l-meta kellhom jaghlqu s-sentejn: hux f'Mejju 2000, kif jippretendi l-attur, jew f'Dicembru 1999, kif jippretendi l-konvenut.

Illi hu x'inhu l-kaz, pero', hu legalment ineccepibbli li l-prova kienet taqa' fuq l-attur li jipprova l-pretensjonijiet minnu vantati u dan permezz tal-ahjar prova.

Illi in sostenn taghha l-attur ippresenta rendikont munit bil-fatturi relattivi (folio 48 et seq) fejn qieghed jitlob total ta' sebat elef mija u tlettax-il lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm7113.48) maqsumin in kwantu ghal: Lm1681 import ta' dawl u ilma ghall-perjodu 5 ta' Ottubru 1988 sal-1 ta' Ottubru 1999; erba' mija u sitt liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm406.18) import ta' VAT u CET; tliet mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm395.50) import ta' reklam; tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3200) paga ta' 'chef' ghall-tmien xhur; u elf erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm1450) telf ta' profitti tal-gimgha li r-ristorant dam inoperanti. Issa mir-rendikont fuq riferit, attinenti mal-ftehim bejn il-kontendenti, ghandu jirrizulta li hu se mai nofs l-ammont li l-attur jista' jirreklama. Oltre dan, u a bazi l-istess ftehim, il-konvenut kellu jippercepixxi nofs il-profitt nett li sar f'dawk ix-xhur li taghhom l-attur qieghed jesigi l-hlas. Wkoll, fil-kuntest tar-rendikont u l-fatturi esebiti, jirrizulta li kont wiehed tad-dawl u l-ilma nhareg fid-9 ta' Dicembru 1999, cjoe meta l-konvenut kien ghadu jippresta x-xoghol tieghu, liema konsiderazzjoni tapplika wkoll ghall-import tar-reklam, dwar liema huwa desumibbli, skond kif xehed l-attur, li ttiehdu in konsiderazzjoni fid-distribuzzjoni tal-profitt nett ta' kull xahar li kien jaghmel l-attur innifsu. Wkoll, wiehed ma jifhimx kif jidhlu l-VAT u CET meta l-istess jingabru

direttament mill-klijentela u semplicement trasferiti lill-Gvern.

Illi nghad dan ghalhekk jibqghu biex jigu kunsidrati biss l-ammonti segwenti: disa' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm973.42) import ta' dawl u ilma; tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3200) import ta' paga lil 'chef'; u elf erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm1450) telf ta' profitti.

Illi ghal dawn l-attur baqa' ma pprovdix l-ahjar prova stante li ma esebiex l-ebda 'profit and loss account' jew rendikonti ohra li jissostanzjaw kemm it-talbiet tieghu u kemm l-profitt nett derivanti minn negozju ghal fini li setgha jigi stabbilit is-sehem rispettivi ta' kull wiehed minnhom. Ma jistax l-attur jippretendi li jarrikkixxi ruhu indebitament a skapitu tal-konvenut li fl-aghar ipotesi ghalih seta' gie passibbli ghad-danni kieku ntwera li operat xi kundizzjoni rizoluttiva tacita li biha l-kuntratt bejniethom gie xolt, li mhux il-kaz hawnhekk.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut permezz tal-kontro-talba tieghu ghamel diversi pretensjonijiet. Apparti dik dwar li ssuplixxa l-ghagin baqa' ma ssostanzja l-ebda wahda minnhom b'dan li l-unika pretensjoni li baqghet biex tigi determinata hi dik rizultanti mill-fattura esebita folio 65 ghall-valur ta' mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm168). Fil-kuntest ta' din il-fattura, konfermata bil-gurament mill-konvenut u fl-ebda stadju kontradetta mill-attur, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tilqa' it-talba relattiva tal-konvenut izda biss u limitatament ghan-nofs il-valur indikat stante dak fuq spjegat koncernanti l-ftehim bejn il-partijiet li l-istess konvenut sostanzjalment accetta li kien vinkolanti bejniethom.

Tiddeciedi ghalhekk fuq l-iskorta ta' dak hawn fuq spjegat li:

1. tichad t-talbiet kollha tal-attur kif mitluba fic-citazzjoni tieghu;

2. tichad t-talbiet tal-konvenut kontenuti fil-kontro talba tieghu hlief ghas-sitt talba fil-konfront ta' liema tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta' erbgha u tmenin lira Maltin (Lm84).

3. dwar l-ispejjez tiddeciedi li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur
Vera kopja
Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------